Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 26 ta' Ġunju 2023**
**(OR. en)**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2022/0009(COD)**

**10485/1/23**
**REV 1**

**CODEC 1094**
**CORDROGUE 61**
**SAN 364**

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Suġġett: | Abbozz ta' REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea dwar id-Drogi (EUDA) u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1920/2006 **(l-ewwel qari)**<br>- Adozzjoni tal-att leġiżlattiv |

1. Fit-12 ta' Jannar 2022, il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta tagħha[1] lill-Kunsill, ibbażata fuq l-Artikolu 168(5) TFUE.

2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fit-18 ta' Mejju 2022[2].

3. Il-Kumitat tar-Reġjuni ġie kkonsultat u ddeċieda li ma jagħtix opinjoni.

4. Fit-13 ta' Ġunju 2023, il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni. L-eżitu tal-votazzjoni fil-Parlament Ewropew jirrifletti l-ftehim ta' kompromess li ntlaħaq bejn l-istituzzjonijiet u għalhekk għandu jkun aċċettabbli għall-Kunsill[3].

[1] 5304/22 + ADD1 sa ADD4.
[2] ĠU C 323, 26.8.2022, p. 88.
[3] 10313/23.

5. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jikkonferma l-qbil tiegħu u jissuġġerixxi lill-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, kif tidher fid-dokument PE-CONS 16/23, bħala punt "A" tal-aġenda ta' laqgħa li jmiss, bil-Bulgarija tivvota kontra.

6. Id-dikjarazzjonijiet għall-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill jinsabu fl-Addendum għal din in-nota.

7. Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att leġiżlattiv jiġi adottat.

   Wara l-iffirmar mill-Presidenti tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, l-att leġiżlattiv jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.